# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 4 ta' Mejju 2016**

**Rikors Numru: 31/2014 CSH**

**John L. Dodds**

**vs**

**Tabib Principali tal-Gvern Ghall-Ministeru tas-Sahha**
**u**
**Head of Entitlement Unit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat mill-attur fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Jannar 2014 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' hdax-il elf u disgha u sebghin ewro u hamsa u hamsin ewro centezmi (€11,079.55) (Dok anness u mmarkat bhala Dok JLD1) rapprezentanti rifuzjoni ta' spejjez imhallsa mill-attur ghal operazzjoni urgenti u necessarja li kellha ssirlu l-Olanda u li hija ghalhekk dovuta minnhom ghaliex l-attur bhala residenti gewwa Malta u registrat mal-Entitlement Unit skond ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropeja ghandu dritt jibbenefika kollha in kind li persuni residenti Malta huma intitolati ghalihom skond l-istess regolamenti.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet ghal hlas, huma baqghu inadempjenti u ghaldaqstant l-attur qieghed jitlob il-hlas hawn fuq imsemmi u l-imghaxijiet legali skond il-Kodici Civili sal-jum tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 8 ta' Marzu 2012.

Huma ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tat-Tabib Principali ghal Gvern (Sahha Pubblka) ghal Minsiteru ghas-Sahha prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Frar 2014 fejn eccepixxa is-segwenti:

1. "*Illi primarjament il-persuna guridika li tirrapprezenta id-dipartiment tas-Sahha ma tidhirx indikata fl-okkju tal-kawza.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut stante li kwalunkwe pretenzjoni li qieghed jallega l-attur ma ghandha l-ebda bazi legali u lanqas fattwali hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.*
3. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur u li huwa ngunt minn issa in subizzjoni."*

Rat illi l-konvenut Head of Entitlement Unit huwa notifikat permezz ta' timbru tal-Purtier Marco Bonnici datat 12 ta' Frar 2014 (fol. 5) pero' baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat in-nota tal-attur John L Dodds li giet ipprezentata fit-18 ta' Gunju 2014 li permezz taghha huwa pprezenta l-affidavit tieghu flimkien ma' disa' dokumenti.

Rat l-affidavit tal-attur **John L Dodds** bil-lingwa Ingliza tradotta ghal Malti mill-Qorti li permezz tieghu huwa ddikjara li huwa cittadin Ingliz, residenti Malta u

detentur tal-passaport Ingliz bin-numru 761101941 (kopja tieghu tinsab annessa u mmarkata bhala Dok. JLD 1). Huwa spjega li jircievi l-pensjoni tieghu mill-Olanda u minn din il-pensjoni tinqata' l-*insurance premium* tieghu. L-Olanda kienet hargitlu formola E121 li ticcertifika d-dritt tieghu ghal beneficcju *'in kind'* hawn Malta. Konsegwentement huwa jinsab registrat mal-Awtoritajiet tas-Sahha Maltin u rcieva *Certificate of Entitlement* Malti li huwa validu ghall-perjodu 1 ta' Marzu 2006 sal-1 ta' Marzu 2016 (Dok. JLD 2).

L-attur tenna li huwa kien applika ghal European Health Insurance Card (EHIC) u l-Awtoritajiet Maltin kienu responsabbli li johorguha ai termini tal-ligi tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' Jannar 2010 (Dok. JLD3). Filfatt l-awtoritajiet Maltin damu tlett xhur u cioe' sad-29 ta' Marzu 2010 biex iwiegbu ghat-talba tieghu liema risposta kienet wahda negattiva minghajr ebda raguni valida fil-ligi (Dok. JLD 4). Ir-raguni li nghata kienet illi huwa ntitolat ghal EHIC mahruga mill-Olanda mill-1 ta' Mejju 2010 u ghalhekk ma jaghmilx sens illi tinhareg wahda minn Malta. Huwa ddikjara li skond il-procedura Ewropea, l-Entitlement Unit kellu johrog card temporanja b'mod immedjat sabiex id-drittijiet tieghu ikunu salvagwardjati sakemm tkun inharget il-*card* il-gdida fl-1 ta' Mejju 2010.

Huwa spjega li fl-4 ta' Lulju 2009 huwa kien marad meta kien jinsab fi Franza u kien gie operat fi Franza stess ghal *Acute Aneurism Aorta Abdominalis*. Huwa ma kienx mar Franza bl-intendiment li jircievi kura tas-sahha izda kellu kaz ta' emergenza fejn gie operat wara li hassu hazin. Sfortunatament huwa dam ma rkupra minhabba numru ta' incidenti. L-attur qal illi wara din l-operazzjoni huwa kien f'koma u nzamm l-Intensive Care Unit ghal hames gimghat fejn wara ttiehed f'*nursing home* fi Franza mit-tobba li kienu qed jikkurawh dak iz-zmien. F'dan il-perjodu l-familja tieghu ddecidiet li jittrasferuh l-Olanda ghax ma kienux sodisfatti bil-kura li kien qed jircievi gewwa Franza. Huwa spjega li r-raguni ghalfejn ittiehed l-Olanda kienet sabiex jirkupra fid-dar tieghu stess li ghandu hemmhekk u mhux biex jircievi xi trattament skedat.

Dak iz-zmien meta kien marid, kellu *private insurance* mahruga mill-kumpanija Achmea Zilver Kruis. Din il-kumpanija kienet baghtet infermiera fi Franza biex takkumpanjah l-Olanda. Huwa spjega li kien ittiehed l-Olanda mhux Malta ghal diversi ragunijiet fosthom li l-insurance hija rregistrata l-Olanda u ghalhekk kien impossibbli li jittiehed lejn Malta. Raguni ohra hija li l-kumpanija toffri ripatrijazzjoni fuq *stretcher* bil-kura medika necessarja waqt il-vjagg filwaqt illi dan ma jigix offrut f'Malta. Huwa spjega li d-dar tieghu f'Portomaso, San Giljan mhijiex adatta ghall-uzu ta' wheelchair minhabba certu tarag u bibien li huma dojoq wisq u ma jippermettux l-uzu ta' wheelchair, filwaqt illi d-dar tieghu tal-Olanda kienet tajba ghal dan il-ghan wara l-amputazzjoni ta' saqajh il-leminija fis-sena 2000. Apparti minn hekk huwa laqat il-virus tal-MRSA waqt li kien l-isptar fi Franza u ghalhekk minhabba r-riskju li jerga' jaqbdu dan il-virus ma kienx fl-ahjar interess tieghu li jigi Malta peress li l-isptarijiet Maltin ghandhom rata gholja ta' dan il-virus. Xhieda ta' dan huwa estratt mill-gazzetta Times of Malta datata 18 ta' Novembru 2011 (Dok. JLD 5).

In vista tar-rata gholja ta' dan l-MRSA virus hija procedura normali li pazjenti li jaslu l-Olanda minn sptar barrani jridu jigu mizmuma fi *quarantine ward* fi sptar sakemm ikunu gew ittestjati. Jekk il-pazjent ikun irrizulta pozittiv ghal dan il-virus, il-pazjent jigi mizmum f'izolament ghal ammont ta' zmien. Meta l-attur ittiehed Tergooi Hospital gewwa l-Olanda fit-18 ta' Awissu 2009, huwa rrizulta pozittiv ghall-virus tal-MRSA u baqa' l-isptar sal-4 ta' Settembru 2009. Huwa nzamm taht supervizjoni permezz ta' *home nursing*.

Waqt li l-attur kien qed jirkupra l-Olanda, huwa gie diagnosed li kien qed ibghati minn *Popliteal Aneurysym* f'siequ x-xellugija. Fic-cirkostanzi kienet essenzjali li ssir operazzjoni tal-bypass u filfatt ghamel din l-operazzjoni hekk kif fieq mill-MRSA virus. Din l-operazzjoni saret fl-1 ta' Marzu 2010. Huwa spjega li qabel ma ghamel din l-operazzjoni huwa kien ghamel kuntatt mal-awtoritajiet Maltin

permezz tar-rapprezentanti li ghandu hawn Malta fejn talab informazzjoni rigward il-procedura u d-dokumenti li ghandu bzonn sabiex issirlu din l-operazzjoni immedjata gewwa l-Olanda. Huwa spjegalhom illi ma kienx f'kundizzjoni li jista' jivjagga u li fl-isptar gewwa l-Olanda hemm il-*medical reports* dwar il-kundizzjoni tieghu (Dok JLD 6). Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet Maltin qatt ma kkuntatjaw lill-Isptar gewwa l-Olanda ghal din l-informazzjoni. L-attur iddikjara li minhabba l-fatt li jekk l-operazzjoni tigi posposta kien se jbaghti minn diversi riperkussjonijiet ghal sahhtu ittiehdet id-decizjoni li l-operazzjoni ssir fl-1 ta' Marzu 2010 ghalkemm kien baqa' minghajr risposta mill-Awtoritajiet Maltin. Huwa sostna li peress li baqa' minghajr EHIC u minghajr ebda forma ta' protezzjoni temporanja kif rikjest mill-procedura applikabbli tal-EC, huwa kien obbligat li jhallas l-ispejjez medici huwa stess fl-ammont ta' €11,079.55 (Dok. JLD7). Huwa ddikjara li kieku damu jistennew izjed biex issir l-operazzjoni dan kien jirrizulta f'amputazzjoni ohra.

L-attur stqarr illi huwa kien ircieva risposta mill-awtoritajiet Maltin f'Mejju 2010 u cioe' xahrejn wara li saret l-operazzjoni u gie nfurmat illi l-awtorizazzjoni bil-quddiem ma setghetx tinghatalu ghaliex tali trattament seta' jigi provdut fl-isptar pubbliku ta' Malta. Dan minghajr ma hadu l-konsiderazzjoni l-fatt tal-kundizzjoni tieghu li dak iz-zmien ma setghax jigi lura Malta (Dok. JLD8).

Meta l-attur irritorna lura lejn Malta huwa pprezenta l-kont tal-ispejjez medici li kellu lill-Entitlement Unit sabiex jiehu lura l-flus li kien hallas ghall-ispejjez. Din it-talba giet michuda ghalkemm kienu gew diretti minn CvZ (De College voor Zorgverzekering) li hija l-awtorita kompetenti Olandiza li suppost ghandha tircievi E-form 126.

Mid-dehra l-Awtoritajiet Maltin ma kienux fehmu illi l-attur ma setghax jivjagga minhabba l-kundizzjoni ta' sahhtu peress illi kienu qalu li huwa kellu jircievi awtorizazzjoni qabel ma jaghmel operazzjoni barra minn Malta li tkun skedata go

stat Membru. Huwa sostna li l-operazzjoni li ghamel ma kienitx operazzjoni skedata.

L-attur iddikjara li skont il-protocol tal-Kummissjoni Ewropea l-informazzjoni li l-Entitlement Unit kienet talbitu kellha tigi diretta lill-awtorita kompetenti gewwa l-Olanda li hija De College voor Zorgverzekering (Dutch Health Board). Fil-fatt din il-College kienet diga kkonfermat mal-avukat Olandiz tal-attur illi l-operazzjoni li ghamel hija konsiderata bhala trattament necessarju u ghalhekk l-ispiza hija pagabbli mill-awtoritajiet Maltin (Dok. JLD9). Pero' huwa mhuwiex jinghata dan id-dritt ghal rimbors. Huwa ddikjara li mexa mal-proceduri kollha sabiex jiehu l-awtorizzazzjoni necessarja u ghalhekk mhux tort tieghu li ma rceviex l-awtorizzazzjoni. Huwa spjega li r-rapprezentanti legali Maltin tieghu diga' ghamlu *claim* formali sabiex jergghu jikkonsidraw id-decizjoni taghhom dwar ir-*reimbursement* ghall-ispejjez li hallas pero' l-awtoritajiet Maltin irrifjutaw milli jilqghu tali talba.

L-attur spjega li Mr Jackie Morin li huwa Head of Unit tal-EU Commission kien qallu illi t-tabib li jkun qed jiehu hsieb lill-pazjent ghandu jiddetermina jekk certu trattament hux necessarju jew le. Huwa sostna li l-kirurgu tieghu qatt ma gie kkuntatjat mill-awtoritajiet Maltin dwar dan il-kaz. L-attur gie nfurmat ukoll illi l-awtoritajiet Maltin kellhom jaghmlu talba lill-awtoritajiet Olandizi u jibghatu Form E 126 l-Olanda dwar it-talba tieghu ghall-hlas biex jaraw jekk tali talba ghandhiex tigi milqugha jew le wara li ssir konsultazzjoni mit-tabib tieghu. Huwa ddikjara li din il-formola filfatt ma ntbaghtitx u t-tabib tieghu qatt ma gie kkonsultat (Dok JLD 10).

Huwa sostna li in vista ta' dan kollu, l-operazzjoni ta' saqajh minhabba *leg aneurysm* kellha tigi konsiderata bhala kaz ta' emergenza li tobbliga lill-awtoritajiet Maltin sabiex ihallsu ta' dan it-trattament.

**John Dodds** xehed viva voce in kontro-ezami, bil-lingwa Ingliza fil-5 ta' Novembru 2014, liema xhieda giet tradotta ghall-lingwa Maltija mil-Qorti, fejn iddikjara li huwa ilu residenti Malta mill-1 ta' Jannar 1997. Huwa kien inghata certifikat li jintitolah ghal residenza f'Malta liema certifikat kien ser jipprezentah fis-seduta sussegwenti. Pero' kkonferma li mis-sena 1997 sa llum ma kienx jghix Malta b'mod kontinwu. Huwa stqarr illi m'ghandux permess ta' residenza l-Olanda ghalkemm ghandu proprjeta' hemmhekk. L-attur spjega li ghandu dar l-Olanda li kien jghix fiha l-*partner* tieghu li miet is-sena l-ohra. L-attur ghandu dar ukoll fi Franza. Huwa ghandu proprjeta' Malta gewwa Portomaso. L-attur qal illi ghandu *health insurance* Olandiza. Pero' m'ghandux kopja ta' din il-polza. Mistoqsi jekk ghandux dokumentazzjoni ohra rigward l-entitlement tieghu ghall-*community care* hawn Malta wiegeb li le apparti ghal Dok. JLD 2 ezebit a fol 19 tal-process.

Huwa spjega li qabel ma' telaq lejn Franza minn Malta ma kien ha l-ebda dokumentazzjoni mieghu rigward il-*health scheme* tieghu. Id-dokumentazzjoni tieghu inkluz is-*certificate of entitlement* tieghu tinsab fi Franza. Huwa jiftakar li kien gie operat fis-sena 2009 u kien mar l-Ingilterra qabel ma mar Franza fl-istess sena. L-attur kien marad f'Lulju 2009. Sussegwentement huwa waqa' f'koma u kien ittiehed b'helikopter l-isptar ta' Marsilja meta kien fi Franza. Huwa kkonferma li wara li ttiehed l-isptar gie trasferit f'home meta kien ghadu mitluf minn sensieh. L-attur jiftakar li fl-ewwel lejl li kien f'din id-dar huwa waqa' mis-sodda. Huwa dam gimgha jghix f'din il-home ghaliex hekk qalulu. Wara gie trasferit f'*nursing home* fi Franza fejn dam gimgha u sussegwentement mar l-Olanda.

L-attur spjega li l-assigurazzjoni medika privata tieghu li ghandu l-Olanda kienet hallset sabiex jigi trasferit minn Franza ghall-Olanda u kien anke assistit minn infermiera mibghuta mill-Gvern Olandiz. Fir-rapport ghandu d-dati liema rapport kien gie mahrug mill-*general practitioner*. Mistoqsi jekk qattx esperjenza

sintomi relatati mal-*acute aneurysm aorta abdomenalis* wiegeb li qatt qabel ma kien marad fi Franza f'Lulju, 2009. Huwa ma jafx illi xi familjari tieghu kellhom din il-kundizzjoni. L-attur iddikjara li ma jpejjipx u li qatt ma ghamel xi screening rigward din il-marda. Huwa kien ghamel gimghatejn ohra l-isptar gewwa l-Olanda.

**John Dodds** kompla jixhed in kontro-ezami fis-6 ta' Novembru 2014 bil-lingwa Ingliza, tradott ghal lingwa Maltija mil-Qorti fejn iddikjara li meta kien iddahhal l-isptar l-Olanda huwa kien gie mizmum fi kwarantina biex jaraw jekk kellux il-virus tal-MRSA. It-testijiet saru fi zmien gimgha u rrizulta li kien kerrej ta' dan il-virus. Huwa ma setghax jiehu antibiotics ghax kellu feriti miftuhin dak iz-zmien. Pero' nghata xi tip ta' medicina liema medicina pero' ma setghax jiftakar l-isem taghha. L-attur spjega li kien gie *scrubbed* minn rasu sa saqajh ghalkemm dan ma setghax isir minhabba l-feriti li kellu.

F'certu mument il-professur li kien qed jiehu hsiebu haseb li r-riskju tal-virus tal-MRSA kien qed jonqos. Ghalhekk qieghduh f'wheelchair u harguh mill-isptar. Huwa ma nghatax il-permess li jmur b'ambulanza minhabba l-virus u ghalhekk mar f'proprjeta' tieghu li tinsab zewg minuti l-boghod mill-isptar u mar fiha ghaliex ghandha *lift* maghha. Jghid li kien hemm nurse li kienet tmur ghandu tliet darbiet kuljum u kien ihallas huwa stess ghal din il-facilita'. Filghodu kienu jimmedikawlu l-ferita li kellu f'dahru li kienet *bed sore* u meta fieq minnha bdew il-procedura tal-iscrubbing ma' gismu kollu.

L-attur tenna li t-tabib kien imur ghandu darbtejn fil-gimgha biex jiehu xi *swabs* tieghu u ta' habib tieghu li kien jghix mieghu u ta' kull min kien f'kuntatt mieghu. Pero' meta kienu qed jaghmlulu l-iscrubbing wahda min-nurses informatu li kellu xi haga fuq wara ta' rkopptu li naturalment huwa ma setghax jara u filfatt hass li kellu *lump* zghira. In-nurse cemplet l-isptar u ttiehed fil-*waiting room* tal-isptar stess. Huwa gie mnezza minn kollox u mar ragel liebes

ilbies protettiv u fil-fatt haseb li l-attur kellu *aneurysm*. Dan ir-ragel kien *vascular surgeon*. Pero' dan informah li ma setghax jinvestigah f'aktar dettall qabel mal-attur ikun tnaddaf kompletament mill-MRSA virus.

Meta l-attur kien kompletament clear mill-virus huwa ghamel it-testijiet l-isptar billi nvestigawlu l-vini u l-arterji tieghu u filfatt raw l-*aneurysm* fuq wara li kienet xi zewg centimetri f'dijametru. Ghalhekk huwa rega' ttiehed l-isptar fejn kellu l-vini tieghu kienu qed jigu *clotted* biex jaraw kif ha jaghmlu l-operazzjoni tal-bypass. Dak iz-zmien huwa kien ghadu f'*wheelchair* u ma setghax jimxi. Huwa stqarr illi peress li kien ghadda minn trawma fi Franza riedu jiccekjawlu qalbu ghax ma riedux jergghu jaghtuh l-anestesija. Ghalhekk huwa ra specjalista tal-qalb. Mistoqsi kemm kien ghadda zmien minn meta sabu l-*lump* fuq wara ta' saqajh sakemm gie kkurat ghal din l-*aneurysm* wiegeb li kien ghadda ammont ta' zmien pero' ma jiftakarx kemm ghadda zmien ezatt. Huwa li jaf hu li l-operazzjoni ta' din l-aneurysm damet hames sighat. L-attur spjega li l-*aneurysm* ma titlaqx ghal kollox pero' ma jkunx hemm demm ghaddej fil-vina.

L-attur spjega li r-rapprezentat tieghu f'Malta kienet Pricewaterhouse Coopers pero' ma jiftakarx ma' min kien tkellem ezatt, aktarx li Natasha Parnis England. Huwa jaf li l-email intbaghat ghan-nom tieghu lil Pricewaterhouse liema email giet forwarded lill-entitlement unit f'Malta u huwa tkellem ma' certu Mrs. Mangion. Naturalment mhux hu kien li ghamel din il-konversazzjoni izda rapprezentant tieghu ta' Pricewaterhouse. Huwa stqarr li ma rcieva l-ebda komunikazzjoni minghand Pricewaterhouse rigward l-emails li setghu rcievu mid-Dipartiment tas-Sahha. L-attur cahad li huwa kkomunika ma' Mrs Demicoli wara l-operazzjoni ghax fil-fatt kienu kkomunikaw maghha qabel. Id-dokumentazzjoni kienet giet prezentata lill-Entitlement Unit mill-ufficju tal-avukati tieghu Camilleri Preziozi, mhux lilu personalment. L-attur jaf li ntbaghtu kopja tal-kont u l-bank transfer lill-entitlement unit. Pero' huwa ma rcieva l-ebda *acknowledgement* jew risposta mill-*entitlement unit*.

L-attur saritlu referenza ghall-inizijali CVZ li jfissru College Voor Zorgverzekering. Huwa spjega li dan huwa l-entitlement unit go l-Olanda u mhux il-kumpanija tieghu. Mistoqsi jekk ghandux kopji tat-talba li saret minn CVZ l-Olanda lill-Gvern Malti wiegeb li kien hemm numru ta' emails li qatt ma rcevew risposta dwarhom. Huwa wiegeb li ghandu kopja taghhom u prometta li jesebihom fis-seduta sussegwenti.

Mistoqsi jekk ippreferix jaghmel l-intervent l-Olanda jew hawn Malta wiegeb li huwa mexa fuq l-istruzzjonijiet li nghata mill-professur. Naturalment il-proprjeta' tieghu l-Olanda hija aktar komda minn din li ghandu Malta peress li l-proprjeta' ta' Malta hija *split level* u huwa ghandu sieq fi *prosthesis* u ghalhekk kien aktar komdu li jaghmel l-operazzjoni l-Olanda. Huwa sostna li kieku marad hawn Malta kien jaghmel l-operazzjoni tieghu hawn Malta stess pero' peress li marad l-Olanda haseb li kien ikun ahjar li jkun operat hemmhekk. Huwa stqarr illi din ma kinitx decizjoni difficli biex jaghmilha ghax ma kienx ghamilha hu.

Mistoqsi ghal min kien qed jirreferi meta qal li ma kienx hemm kuntatt mal-professur wiegeb li kienet il-Maltese Entitlement Unit li ma ghamlet l-ebda komunikazzjoni mal-professur gewwa l-Olanda ghalkemm kien hemm procedura apposta li tinsab fir-regolamenti tal-EU. Huwa sostna li l-professur Olandiz ma ghamilx kuntatt mal-awtoritajiet Maltin ghax mhux fid-dover tieghu li jaghmel dan. L-attur iddikjara li huwa ma rcieva l-ebda risposta mill-Entitlement Unit Malti u huwa ma setghax jistenna aktar. Huwa spjega li ma kienitx decizjoni tieghu li ma jsifirx izda mexa fuq struzzjonijiet mill-istaff mediku tieghu.

Rat in-nota tal-attur prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2014 (fol. 36) li permezzz taghha pprezenta numru ta' dokumenti li gew elenkati bis-segwenti mod:

Dok JLD 10 - Dokument li gie prezentat sabiex ikun anness mal-affidavit tieghu ghaliex bi svista ma kienx gie pprezentat minkejja li saret referenza ghalih.
Dok JLD 11- Ittra elettronika mibghuta lilu mill-Kummissjoni Ewropeja li tispjega illi l-awtoritajiet ta' Malta li kienu qieghdin jikkorrispondu maghha opponew ghat-talba tieghu sabiex l-istess Kummissjoni Ewropeja tibghatlu kopja ta' din il-korrispondenza. Illi l-Kummissjoni Ewropeja tispjega f'din l-ittra kif setghet tibghat kopja ta' dawk l-ittri mibghuta minnha stess lill-awtoritajiet u kient ser tghatti l-ismijiet tal-persuni li kienu qed jikkorrispondu. Din l-ittra elettronika tispjega ghalfejn l-indirizzi elettronici (f'Dok JDL 10) huma mohbija.

Dok JLD 12 - Permess ta' residenza ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta mahrug favur tieghu nhar it-12 ta' Frar 1997.

Dok JLD 13 - Zewg certifikati mahruga mill-Kummissarju tat Taxxi Interni li juru li l-attur kien issodisfa l-kundizzjonijiet tal-iskema ghal residenti fil-perjodu in kwistjoni u cioe' fis-snin 2009 u 2010 liema certifikati huma ekwivalenti ghal permess mahrug ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond regolament numru 2 (1) tal-Ligi Sussidjarja 123.79.

Dok JLD 14 – Rekords Medici tieghu migbura fuq sistema elettronika liema sistema tigi kontinwament aggornata mit-tobba kuranti tieghu.

Rat in-nota tal-attur prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Dicembru 2014 li permezz taghha pprezenta zewg dokumenti ohra kif hawn indikat:

Dok JLD 15 – Ittra elettronika datata 11 ta' Lulju 2013 mibghuta lilu mill-Kummisjoni Ewropeja, wara li huwa permezz ta' ittra elettronika tal-25 ta' Marzu 2013 kien talab access ghall-korrispondenza li giet skambjata bejn l-awtoritajiet Maltin u l-Kummissjoni dwar il-kaz tieghu. F'din l-ittra elettronika l-Kummissjoni Ewropeja tispjega illi peress illi l-awtoritajiet Maltin in kwistjoni

opponew li jkun hemm access ghal din il-korrispondenza, hija setghet tibghat biss dawk l-ittri elettronici fejn il-posizjoni tal-awtoritajiet ta' Malta ma tintweriex.

Dok JLD 16 – Zewg itttri elettronici – Ittra elettronika datata 8 ta' Settembru 2010 mibghuta lill-Entitlemenet Unit gewwa Malta mid-Dipartiment tas-Sahha Olandiza ekwivalenti ghall-istess Unit ossia l-College voor Zorgverzekering' , kif ukoll ittra elettronika datata 9 ta' Novembru 2010 mibghuta mill-konsulent legali tieghu gewwa l-Olanda lill-Entitlement Unit gewwa Malta fejn, waqt li jirreferi ghall-ittra elettonika mibghuta mill-College Voor Zorgverzekering u jinforma lill-Entitlement Unit li kienet ghadha ma wegbitx ghaliha, talab lill-Entitlement Unit biex taghmel kuntatt mieghu mill-iktar fis possibli biex forsi tigi risolta darba ghal dejem il-kwistjoni de quo, ghal liema ittra elettronika s-Sur Robert Neijenhof ukoll qatt ma rcieva risposta.

**Karin Demicoli** xehdet fit-23 ta' April, 2015 fejn qalet li tokkupa l-kariga ta' Direttur ghall-Affarijiet Internazzjonali u fis-snin 2009 u 2010 kienet Assistent Direttur fid-Dipartiment tas-Sahha. Mistoqsija jekk ghandhiex xi korrispondenza li ghaddiet bejnha u s-Sur Dodds wiegbet illi maghha ma kellhiex. Saritilha referenza ghal dokumentazzjoni li kien hemm prezentata fl-atti b'mod partikolari ghall-email li ntbaghtet lilha nhar s-27 ta' Dicembru 2009 immarkata bhala Dokument JF1. Qalet ukoll illi hemm e-mail ohra illi giet mibghuta lilha fl-4 ta' Jannar 2010 immarkata bhala Dokument JF3, email ohra mibghuta lilha fis-6 ta' April 2010 immarkata bhala Dokument JF4 u e-mail li baghtet hi stess lil Mr Dodds fil-11 ta' Mejju 2010 immarkat bhala Dokument JF5. Ix-xhud stqarret li effettivament tikkonferma li gew skambjati maghha dawn l-istess emails. Minkejja li m'ghandhiex kopja tal-email li hemm indikata f'din l-email Dok. JF1 qalet illi timmagina li effettivament huwa minnu li x-xhud kienet baghtitlu e-mail antecedentement.

Ix-xhud tenniet illi fil-fatt hija procedura standard li kellhom fid-Direttorat tas-Sahha meta jkollhom *request* ghal *prior authorisation* timxi b'din il-procedura cioe' jitolbu li jkun hemm *detailed medical reports* kif ukoll *medical reports* rigwardanti jekk persuna hix kapaci ttir jew le sabiex in segwitu jkun jista' jsir *assessment* jekk ghandux jinhareg *prior authorisation* jew le naturalment *in line* mal-kriterji tad-dipartiment li huma wkoll stabbiliti. Qalet illi huma jsegwu d-*directives* tal-EU u dawn il-kriterji taghhom kienu *in line* u gew sahansitra anke kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea u gew accettati. Ix-xhud stqarret li in segwitu li huma jircievu dawn id-dokumenti, huma jaghmlu l-kuntatt mal-persuna barra minn Malta u mhux qabel. Huwa difficli sabiex il-konsulenti Maltin jaghmlu *assessment* fuq kaz meta ma jkunux ghadhom raw id-dokumentazzjoni relattiva. Meta lix-xhud giet mistoqsija jekk l-informazzjoni tircivijhiex mill-pazjent jew mit-tobba tieghu wiegbet illi jiddependi fuq il-kaz. Huma jistghu wkoll jikkomunikaw direttament mat-tobba tal-pazjent bil-kunsens tal-pazzjent.

Meta x-xhud giet mistoqsija jekk effettivament huma ghamlux xi kuntatt mal-*medical specialist* kif indikati f'din l-email f'Dokument JF 1 wiegbet illi effettivament huma ma kienux jafu x'tip ta' konsulenti huma nvoluti u ghalhekk hawn Malta m'ghamlu l-ebda kuntatti direttament mal-Isptar l-Olanda. Kieku effettivament il-pazjent baghtilhom rapport kienet tkun procedura normali. Bhala dipartiment huma m'ghandhomx procedura biex ifittxu l-informazzjoni huma stess. Il-procedura taghhom hija biex ikollhom sottomess quddiemhom u d-dokumentazzjoni relattiva mill-pazjent. Meta x-xhud giet mistoqsija jekk qattx intbaghtet *Form E126* cioe' l-formula ta' *reimbursement* tal-pazjent jew rapprezentant tieghu wiegbet illi bl-amment ma tiftakarx. Kieku kien hemm talba bhal din sabiex huma jibaghtu l-formola ta' *reimbursement* din ma kinitx se tigi milqugha xorta u dan ghaliex ir-*request* ta' *reimbursement* kien hemm diversi argumenti ghaliex ma setghatx tigi onorata u dan ghaliex biex wiehed johrog *reimbursement* trid l-ewwel tkun sodisfatt bil-*criteria*.

Ix-xhud stqarret illi f'kaz li jkun hemm Malti u jigi barra minn Malta u jkollu bzonn operazzjoni b'urgenza huwa jkollu l-European Health Assurance Card mieghu u jekk ma jkollux xorta jkun imdahhal fis-sistema u ghalhekk ikun intitolat li jaghmel l-operazzjoni. Pero' mbaghad sussegwentement biex huwa jkollu r-*reimbursement inline* mal-E126 *document* xorta jkun hemm bzonn li jipprovdi dawn id-dettalji tal- *medical reports* u qalet illi dawn huma dejjem kaz li qatt ma kkonfina fil-parametri tal-*Health insurance card*. Qalet illi mill-ewwel gurnata stess ir-rikorrenti qal li kellu bzonn jaghmel din l-operazzjoni, tant hu hekk li huwa kellu diga' l-gurnata ffissata. Il-pazjent iccaqlaq minn Franza ghal Netherlands minghajr ma nforma lilhom u dan sabiex jaghmel l-operazzjoni. Ix-xhud kompliet tghid illi r-ragunijiet tieghu ghaliex qatt ma gie Malta ma kienux ragunijiet medici u ghalhekk fil-fehma taghhom qatt ma waqa' fil-parametri taghha. Naturalment il-parametri taghhom jkunu *inline* mar-regolamenti.

Ix-xhud kompliet tghid li kien talab dokument tal-*emergency treatment* meta fil-fatt huwa kien se jaghmel *scheduled treatment*. Ix-xhud tenniet li ghandha s-serhan tal-mohh illi l-Kummissjoni accettat id-decizjoni taghhom u cioe' kif kienu qed joperaw ir-regolamenti. L-ewwel email li x-xhud irciviet f'dan il-kaz ma kienitx minghand il-pazjent izda minn Price Waterhouse Coopers, minghand Natasha Panis England.

**Karen Demicoli** riprodotta nhar l-24 ta' Gunju 2015 qalet li effettivament John Dodds kien intitolat ghal European Insurance Card. Kienet taf li effettivament l-attur ma kellux European Insurance Card. Ikkonfermat li rceviet l-email datata 4 ta' Jannar 2010 esebita fl-atti a fol 97 u mistoqsija ghaliex effettivament stenniet biex tibghat l-ittra datat 29 ta' Marzu 2010 esebita fl-atti a fol 102 sabiex tinforma lil Mr Dodds biex japplika ghal European Health Insurance card meta effettivament f'Jannar kienet gja taf li ma kellux wahda wiegbet li hasset li l-aktar kwistjoni urgenti kienet it-talba tieghu ghal awtorizazzjoni ghal kura

skedata li ghaliha sussegwentement kien talab reimbursement. Ma hassitx illi card li tinzamm fil-but ghandha tiehu prijorita'. B'referenza ghad-dokument esebit fl-atti a fol 96 u cioe' li effettivament n-nies kollha li jkunu koperti b'dan il-*health care scheme* ghandhom bzonn awtorizzazzjoni *a priori* minghand l-awtoritajiet Maltin biex jaghmlu operazzjoni skedata twiegeb din hija procedura li tohrog kemm mir-regolament tal-Unjoni Ewropea u tohrog ukoll mill-proceduri taghhom li huma standard. Ir-regolament huwa 148 tas-1971. Qalet illi anki l-insurance li s-Sur Dodds kellu l-Olanda talbitu *prior authorisation* qabel ma jaghmel l-operazzjoni. Jekk tiftakar sew a memorja jew l-artikolu 20 jew 21 tar-regolament jipprovdi dan. Appuntu huwa l-artikolu 22 ta' dan ir-regolament li jitkellem fuq *prior authorisation*. Dan l-artikolu jaqa' taht il-provediment tal-*workers and their families* pero' mbaghad hemm artikolu iehor 31. Din tiddilja mal-pensioners li wkoll ghandhom bzonn prior authorisation.

Rat in-nota ta l-attur prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' April 2015 li permezz taghha esebixxa l-korrispondenza kollha li ghaddiet bejnu u bejn l-awtoritajiet Maltin qabel u wara ma saret l-operazzjoni in kwistjoni mmarkati bhala Dok JF1 sa JF 5.

Rat in-nota ta' Karen Demcicoli prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Mejju 2015 li permezz taghha pprezentat kopja awtentikata ta' estratti mill-korrispondenza ilil ghaddew bejn il-partijiet in ezami mmarkati bhala dok KD1.

Illi waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2015 giet prezentata nota mill-avukat tal-attur li permezz taghha gew esebiti d-dokumenti elenkati hawn taht:

1. **Dok. JLD17** – Kopja tar-Regolament (KEE) Nru.: 1408/71 tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Gunju, 1971, fejn id-disposizzjonijiet applikabbli ghall-

kaz tal-attur huma dawk tal-Artikolu 31, u cioe' d-disposizzjonijiet applikabbli ghall-pensjonanti;

2. **Dok. JLD18** – Kopja tar-Regolament (KEE) Nru.: 574/72 tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Marzu, 1972, liema Regolament ghandu l-iskop li jimplementa d-disposizzjonijiet tar-Regolament hawn fuq imsemmi (Dok. JLD17); incidentalment l-Artikolu li jimplementa d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 31 tar-Regolament hawn fuq imsemmi huwa l-Artikolu 31 tar-Regolament ta' implimentazzjoni (Dok. JLD18);

3. **Dok. JLD19** – Kopja tad-Decizjoni Nru. S10 tad-19 ta' Dicembru 2013 dwar it-tranzizzjoni mir-Regolamenti (KEE) Nru.:1408/71 u Nru.: 574/72 ghar-Regolamenti (KE) Nru.: 883/2004 u Nru.: 987/2009 u l-applikazzjoni tal-proceduri ghar-rimbors, fejn skond il-paragrafu numru 1 tal-Ewwel Sezzjoni, huwa r-Regolament (KEE) Nru.: 1408/71 li huwa applikabbli ghall-kaz tas-Sur Dodds peress illi l-operazzjoni saret qabel l-1 ta' Mejju, 2010 u mhux ir-Regolament (KE) Nru.: 883/2004;

4. **Dok. JLD20** – Kopja ta' sentenza deciza mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja fil-25 ta' Frar 2003 fl-ismijiet Idryma Koinonikon Asfaliseon (IKA) vs Vasilios Ioannidis (Kaz Nru.: C-326/00) fejn il-Qorti taghmilha cara illi:

    i. Id-disposizzjonijiet applikabbli ghall-pensjonanti huma dawk tal-Artikolu 31 tar-Regolament (KEE) Nru.:1408/71 (Dok.JLD17) u mhux l-Artikolu 22;

    ii. Illi fil-kaz tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 31, il-legislatur iddecieda illi ma jistipula l-ebda htiega ta' *prior authorisation* u li ghalhekk il-post ta' residenza, f'dan il-kaz Malta, ma tistax tissoggetta lil pensjonant ghal xi forma ta' htiega ta' *prior authorisation*:

Paragrafu Nru. 43: *"It follows from all the foregoing that it is not permissible for a Member State to make provision of the benefits in kind guaranteed by Article 31 of Regulation No. 1408/71 to pensioners staying in a Member State other than the State in which they reside subject either to any authorisation procedure whatever or to the requirement that the illness which necessitated the treatment in question manifested itself suddenly during that stay, making that treatment immediately necessary."*;

iii. Illi l-frazi "*certified statement*" fl-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Implementazzjoni (Dok. JLD19) huwa l-European Health Insurance Card u cioe' Form E111;

iv. Paragrafi Nru.: 60, 61 u 63: F'dawn il-paragrafi l-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja ssostni li anke jekk, dato ma non concesso, l-post ta' soggorn (f'dan il-kaz l-Olanda) ma tapplikax id-disposizzjonijiet tar-Regolament applikabbli ghall-kaz kif jitlob l-istess Regolament, il-post ta' residenza (Malta) ma jistax jistrieh fuq din l-applikazzjoni zbaljata izda ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li jista' sabiex jizgura l-applikazzjoni t-tajba ta' l-istess. Fil-kaz odjern, minkejja illi l-istituzzjoni kompetenti gewwa Malta kienet taf illi l-attur ma kellux European Health Insurance Card fil-pussess tieghu u minkejja illi kienet ben taf ukoll illi kien jikkwalifika ghall-istess, baqghet sakemm stenniet l-operazzjoni ssir sabiex tikkomunika mieghu dwar dan. Mhux talli hekk, talli ghadha sal-lum issostni, ghaliex hekk jaqblilha ssostni, illi fil-kaz tas-Sur Dodds kien hemm bzonn prior authorisation, htiega li hija kompletament negata permezz ta' din id-decizjoni:

*"Where it appears that the institution of the place of stay has wrongly refused to provide the benefits in kind referred to in Article 31 of Regulation No. 1408/71 and the institution of the place of residence, on being advised of that refusal, has declined to contribute, as it is obliged to, to facilitating the correct application of that provision, it is for the latter institution, without prejudice to the possible liability of the institution of the place of stay, to reimburse directly the insured person the cost of the treatment he has had to bear, so as to guarantee him a level of funding equivalent to that which he would have enjoyed had the provisions of that article been complied with."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Dicembru 2015 (fol. 126), u in-nota ta' osservazjonijiet tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern pprezentata nhar it-13 ta' Jannar 2016.

Rat il-verbal tal-Qorti ta' l-1 ta' Marzu 2016 fejn l-partijiet qablu li din il-kawza tithalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuh dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur rapprezentanti din is-somma spejjez li huwa inkorra in konnessjoni ma' operazzjoni li huwa ghamel gewwa l-Olanda u peress li huwa residenti hawn Malta u registrat mal-Entitlement Unit skond ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja ghandu dritt jibbenifika mill-benficcji kollha *in kind* li persuni residenti Malta huma intitolati ghalihom skond l-istess regolamenti.

Il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern ghall-Ministeru tas-Sahha eccepixxa illi fl-ewwel lok il-persuna guridika li tirrapprezenta d-dipartiment tas-sahha ma tidhirx fl-okkju tal-kawza u fit-tieni lok u fil-mertu minghajr pregudizzju ghas-

suespost is-somma mitluba mill-attur ma kinitx dovuta stante li kwalunkwe pretensjoni li qieghed jallega l-attur ma ghandha l-ebda bazi legali u lanqas fattwali.

Illi dwar l-ewwel ecezzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal taghha tat-18 ta' Gunju 2014 (fol 12) fejn l-avukat difensur tal-attur kien talab korrezzjoni f'isem il-konvenut fis-sens illi isem il-konvenut 'Ministry for Health' jigi kancellat u sostitwit bl-isem 'Tabib Principali tal-Gvern ghall-Ministeru tas-Sahha'. Rat illi l-avukat difensur tal-konvenut ma kellhiex oggezzjoni u dakinhar stess din il-Qorti laqghet it-talba ghal tali korrezzjoni u l-konvenut gie indikat bhala Tabib Principali tal-Gvern ghall-Ministeru tas-Sahha.

Illi ghalhekk ma hemmx x'jinghad fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni stante li l-attur jirregola ruhu pendente lite u konsegwentement din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali eccezzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment dwar il-mertu.**

Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali jew l-Istati Membri jibqghu responsabbli ghal kull regolament li johrog mill-Kunsill Ewropew. Ir-Regolamenti 1408/71 KEE (1971) u 574/72 KEE (1972), huma konsidrati li ghandhom effett dirett, effett vertikali cioe' bejn l-Istat u individwu u kif ukoll effett orizzonatali cioe' bejn l-individwi. Illi di piu', d-drittijiet illi individwi jistghu jirrikorru ghalihom taht il-ligi komunitarja m'ghadhomx limitati ghal dawk li ghandhom effett dirett imma jinkludu ukoll drittijiet bbazati fuq principji ta' effett indirett u r-responsabilita' tal-Istati Membri kif zviluppat mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Il-principju ta' responsabilita' tal-Istati Membri gie l-ewwel zviluppat fi '**<u>Frankovich and Others vs Italian Republic Joined Cases'</u>** C-6/90 and C-9/90

[1991] ECR I-5357. Il-Qorti Ewropea sabet li, fejn Stat Membru naqas li jimplementa direttiva, huwa kien obbligat jikkumpensa lill-individwi ghad-danni rizultanti kemm-il darba jikkonkorru tlett kundizzjonijiet: li d-direttiva takkorda dritt lill-individwi; li l-kontenut ta' dritt huwa car mill-artikolu tad-direttiva inniffsu u li hemm ness kawzali bejn in-nuqqas tal-Istat Membru fl-adempjement tal-obbligu tieghu u d-dannu soffert mill-individwu affettwat.

Il-Qrati Ewropej osservaw li l-Konvenzjoni ma tipprojbix lill-Istati Membri milli jitrasferixxu poteri lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, izda li:

"*if a State contracts treaty obligations and subsequently concludes another international agreement which disables it from performing its obligations under the first treaty, it will be answerable for any resulting breach of its obligations under the earlier treaty*" (cf. N° 235/56, Dec. 10.6.58, Yearbook 2 p. 256 (300)).

*The Commission considers that a transfer of powers does not necessarily exclude a State's responsibility under the Convention with regard to the exercise of the transferred powers. Otherwise the guarantees of the Convention could wantonly be limited or excluded and thus be deprived of their peremptory character. The object and purpose of the Convention as an instrument for the protection of individual human beings requires that its provisions be interpreted and applied so as to make its safeguards practical and effective (cf. Eur. Court H.R., Soering judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, para. 87). Therefore the transfer of powers to an international organisation is not incompatible with the Convention provided that, within that organisation, fundamental rights will receive an equivalent protection.*" Vide '**M.& Co . vs Federal Republic of Germany**' Ibid.

Di piu' fis-sentenza '**HNL vs Council and Commission'** - Joined cases 83 and 94/76, 4, 15, and 40 /77, fejn Regolament 563/76 kien gie ddikjarat null u bla effett, il-Qorti Ewropea rriteniet:

*"To determine what conditions must be present in addition to such breach for the Community to incur liability in accordance with the criterion laid down in the case-law of the Court of Justice it is necessary to take into consideration the principles in the legal systems of the Member States governing the liability of public authorities for damage caused to individuals by legislative measures. Although these principles vary considerably from one Member State to another, it is however possible to state that the public authorities can only exceptionally and in special circumstances incur liability for legislative measures which are the result of choices of economic policy. This restrictive view is explained by the consideration that the legislative authority, even where the validity of its measures is subject to judicial review, cannot always be hindered in making its decisions by the prospect of applications for damages whenever it has occasion to adopt legislative measures in the public interest which may adversely affect the interests of individuals.*

*6 It follows from these considerations that individuals may be required, in the sectors coming within the economic policy of the Community, to accept within reasonable limits certain harmful effects on their economic interests as a result of a legislative measure without being able to obtain compensation from public funds even if that measure has been declared null and void. In a legislative field such as the one in question, in which one of the chief features is the exercise of a wide discretion essential for the implementation of the Common Agricultural Policy, the Community does not therefore incur liability unless the institution concerned has manifestly and gravely disregarded the limits on the exercise of its powers... ...The effects of the regulation on the profit-earning capacity of the undertakings did not ultimately exceed the bounds of the economic risks inherent in the activities of the agricultural sectors concerned.*

*8 In these circumstances the fact that the regulation is null and void is insufficient for the Community to incur liability under the second paragraph of Article 215 of the Treaty. The application must therefore be dismissed as unfounded.*"

Illi di piu', is-sentenza fil-kaz '**Brasserie du Pecheur SA vs Federal Republic of Germany'** u '**The Queen vs Secretary of State for Transport'** (joined cases C-46/93 and C-48/93 ) deciza fil-5 ta' Marzu 1996, l-Qorti Ewropea iddelinjat diversi principji fir-rigward tar-responsabilita' ghad-danni ta' Stati Membri fejn direttivi tal-Komunitajiet Ewropej ma jigux implimentati fil-ligi nazzjonali. Fil-kors ta' dan l-istudju, il-Qorti Ewropea tefghat ukoll dawl fuq ir-responsabilita' tal-Komunita' ghal-danni kawzati lill-individwi "*by unlawful legislative measures adopted by its institutions*:

55 *As to the second condition, as regards both Community liability under Article 215 and Member State liability for breaches of Community law, the decisive test for finding that a breach of Community law is sufficiently serious is whether the Member State or the Community institution concerned manifestly and gravely disregarded the limits on its discretion.*

*56 The factors which the competent court may take into consideration include the clarity and precision of the rule breached, the measure of discretion left by that rule to the national or Community authorities, whether the infringement and the damage caused was intentional or involuntary, whether any error of law was excusable or inexcusable, the fact that the position taken by a Community institution may have contributed towards the omission, and the adoption or retention of national measures or practices contrary to Community law."*

Illi dwar il-mertu tal-kawza in kwistjoni l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti:

1. L-attur kien ilu jirrisjedi hawn Malta mis-sena 1996 u ilu registrat mal-Entitlement Unit sa mis-sena 2006 permezz ta' certifikat mahrug minn dan il-Unit maghruf bhala certificate of entitlement (Formola E121) esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok JLD 2 mahrug ai termini tar-Regolamenti Ewropej 1408/71/KEE (Dok JLD 17) u regolament 574/72/KEE (Dok JLD 18).
2. Jirrizulta li waqt li l-attur kien qieghed Franza fuq btala waqa' f'koma ttiehed l-isptar u gie trattat ghal abdominal aortic aneurism u nzamm rikoverat l-isptar fi Franza ghal madwar xahar u wara li gie rilaxxjat ghamel xi zmien go nursing home.
3. Jirrizulta li waqt li kien f'din il-home ma kienx qed jinghata il-kura kif misthoqq u ghalhekk tramite l-polza ta' sigurta li kellu gewwa l-Olanda u cioe' is-socjeta Achmea Zilver Kruis huwa gie mehud l-Olanda ghal kura u osservazzjoni u fil-fatt kien akkompanjat minn infiermiera mibghuta mill-Olanda ghal talapposta.
4. L-attur jispjega fix-xhieda tieghu li l-post li huwa kellu Malta f'Portomaso kien split level u peress li kellu saqajgh fil-prosthesis il-post ma kienx tajjeb ghar-recovery tieghu. Waqt li l-post li kellu gewwa l-Olanda kien vicin hafna tal-isptar.
5. Jirrizulta li l-operazzjoni li huwa ghamel gewwa Franza u s-segwenti transport tieghu minn Franza ghall-Olanda gew finanzjati mis-socjeta assikurattrici tieghu gewwa l-Olanda.
6. Meta l-attur wasal l-Olanda innotaw li kellu infezzjoni dik maghrufa bhal MRSA u ghalhekk inzamm appartat u kien jinghata kura d-dar waqt li l-infermiera kienet tmur tarah tlett darbiet kuljum u kien jigi swobbjat ta' kuljum bil-ghan li jinheles minn dan il-virus.
7. Gara li darba minn fost l-ohrajn waqt li kien hemm l-infermiera ghandu innotat li kellu bocca f'saqajh u li kien ikun ahjar li jara tabib. Jinghad li effettivament gie invistat u t-tabib sab li kellu anewrizmu f'arterja ta' siequ x-xellugija u li kellu bzonn intervent iehor kirurgiku, apparti problemi ohra medici li rriskontra.

8. Illi din l-operazzjoni setghet issir biss una volta heles mill-virus li kellu.
9. Huwa gie operat gewwa l-isptar Tergoi fl-Olanda.
10. Jinghad li kieku l-attur m'ghamilx din l-operazzjoni kien ikun hemm ir-riskju li jkollu amputazzjoni tas-sieq l-ohra.
11. Jirrizulta mid-dokument JLD 14 li qatt ma gie kontestat mill-konvenut li l-kirurgu qal "*Treatment is indicated for the poplitea aneurysm on the left side. I advised that the patient should avoid steressful situations, maintain his left leg in a horizontal resting position and avoid all unnecessary travel until an operation has taken place.*" ( fol. 46) .
12. In segwitu hu pprova jaghmel kuntatt mal-awtoritajiet Maltin sabiex jissalvagwardja l-posizjoni tieghu.
13. In fatti fl-atti a fol. 23 hemm l-ittra elettronika datata 27 ta' Dicembru 2009 li kien baghat l-attur lil Karen Demicoli fid-Dipartiment tas-Sahha Maltija fejn kien infurmaha bl-operazzjoni li kellu jaghmel u bl-istat ta' sahha hazina li kellu li impedietu milli jigi lura Malta. F'din l-ittra infurmha ukoll dwar id-delikatezza ta' tali procedura u l-urgenza taghha.
14. Illi jirrizulta skond Dok JLD 8 li l-attur rega' kiteb ittra ohra fejn talab lis-Sinjura Demicoli twiegeb id-domanda tieghu fejn talab ir-rimbors tal-ispejjez li kien hareg (Dok JLD 7).
15. Jidher li din Karen Demicoli wiegbet ghal tali ittra elettronika permezz ta' ittra elettronika ohra datata 11 ta' Mejju 2010 u f'din l-ittra hemm indikazzjoni li l-attur fil-fatt kien baghtilha zewg ittri ohra u cioe' dik datata 30 ta' Marzu 2010 u dik datata 7 ta' April 2010 ghalkemm tghid li l-ittra datata 27 ta' Dicembru 2009 ma rcivetiex.
16. F'din l-ittra ahharija Dok JLD 8 esebita a fol. 25 Karen Demicoli tinforma lill-attur li minhabba l-fatt li huwa baghtilha biss ftit informazzjoni 'scanty information' dwar dak li kien qed jissubixxi, l-awtoritajiet Maltin ikkonkludew li l-procedura ghal *popliteal aneurysm* kienet taqa' taht il-kura li tinghata lokalment u setghet issir hawn Malta bla ebda dewmien. Qalet ukoll li 'The criteria to be satisfied for reimbursement are whether treatment

for the condition could be carried out locally and whether there is undue delay for this operation to be carried.’ U fil-fehma taghha dawn il-kriterji ma mmaterjalizzawx ruhhom u ghalhekk it-talba tieghu ghal rimbors ma gietx accettata.

17. Illi minn ezami tad-dokument JF 1 datat 27 ta’ Dicembru 2009 l-attur kien informa lil Karen Demicoli rapprezentanta tal-Entitlement Unit bid-dettalji kollha tal-Isptar Tergoi gewwa l-Olanda inkluz id-dettalji kollha tal-kirurgu li kien ser jezaminah.
18. Jirrizulta wkoll illi nhar l-4 ta’ Jannar 2010 skond id-dokument JLD 3 (fol. 20) l-attur baghat jitlob lill-istess Karen Demicoli sabiex tohroglu l-Euroepan Heath Insurance card u dan ghaliex kien intitolat ghaliha (Formola E111) kif del resto qalet is-sinjura Demicoli meta xehdet nhar l-24 ta’ Gunju 2015 li ex admisses tghid “*John Dodds kien intitolat ghal Euroepan Heath Insurance card. Jien kont naf li l-attur ma kellux din il-Euroepan Heath Insurance card*.” Cio’ nonostante u cioe’ li kien intitolat ghaliha xorta din ma hargitilux u wiegbet ghat-talba tieghu ghal hrug ta’ tali dokument fid-29 ta’ Marzu 2010 (Dok JF 4 a fol.84).
19. Illi minkejja li l-attur talab ghal din il-European Health Insurance card f’Jannar 2010 Ms Demicoli wegbitu fl-ahhar ta’ Marzu 2010 li r-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja fuq din il-materja inbidlu u ghalhekk b’effett minn Mejju 2010 seta’ japplika ghaliha mill-Olanda u dan ghaliex sakemm japplika ghaliha maghhom tali card tigi ‘expired’.

Illi jinghad li din il-kawza tiddependi hafna fuq l-interpretazzjonijiet li din il-Qorti sejra taghti lir-Regolamenti Ewropej u cioe’ ir-regolament numru 1408/71 tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta’ Gunju, 1971, fejn skond l-attur id-disposizzjonijiet applikabbli ghall-kaz tieghu huma dawk tal-Artikolu 31, u cioe’ d-disposizzjonijiet applikabbli ghall-pensjonanti u min naha l-ohra ir-regolament Nru.: 574/72 tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta’ Marzu, 1972, liema Regolament

ghandu l-iskop li jimplementa d-disposizzjonijiet tar-Regolament hawn fuq imsemmi.

L-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 460 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li dawn ir-regolamenti bhal hafna ohra huma direttament applikabbli ghal Malta u m'hemmx dubbju li skond id-dokument esebit u mmarkat bhala Dok JLD 19 dawn huma iz-zewg regolamenti li japplikaw ghall-kaz u dan ghaliex l-operazzjoni ta' l-attur sehhet qabel l-1 ta' Mejju 2010. Mhux kontestat li l-attur kien intitolat kif spjegat Karen Demicoli stess ghal kura nazzjonali kif ukoll li jinghata Euroepan Heath Insurance card. Skond ic-certifikat ta' Entitlement li kellu l-attur (fol. 92) huwa kien inttiolat ukoll ghal pensjoni kemm ghalih kif ukoll ghad-dependent tieghu (E1221).

Il-pern tal-kwistjoni hija tali li l-konvenut qed jikkontendi li l-attur kellu jottjeni il-prior authorisation minn Malta qabel ma ghamel l-intervent sabiex ikun intitolat ghal rimbroz tal-ispejjez mahruga minnu. Dwar dan jirrizula bic-car li l-attur kien talab awtorizazzjoni u kjarifika qabel ma sar l-intervent u cioe' permezz tal-ittra tieghu datata 27 ta' Dicembru 2009 liema ittra giet risposta minn Karen Demicoli fid-29 ta' Marzu 2010.

Il-Qorti ezaminat ir-regolament 1408/71/KEE u appuntu l-artikolu 31 li jipprovdi is-segwenti:

*"A pensioner entitled to draw a pension or pensions under the legislation of one or more member states who is also entitled to benefits in kind under the legislation of one of those states, shall with members of his family, receive such benefits whilst staying in the territory of a member state other than the one in which they reside. Such benefits shall be provided by the institution of the place of stay in accordance with the legislation which it administers and shall be chargeable to the institution of the pensioner's place of residence."*

Mhux kontestat li l-attur twieled fit-3 ta' Mejju 1939 kif jirrizulta minn kopja tal-passaport tieghu esebit fl-atti a fol. 18 mmarkat bhala Dok JLD 1 u ghalhekk dan ifisser li meta ghamel l-operazzjoni gewwa l-Olanda fil-bidu tas-sena 2010 huwa kellu 71 sena u ghalhekk zgur li jista' jitqies bhala pensjonant.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li l-attur kien residenti Malta, hu intitolat ghal kura gewwa l-Olanda u hija l-pajjiz fejn l-attur li hu pensjonant hu residenti u cioe' Malta li ghandha taghmel tajjeb ghal tali kura. Imkien ma hemm indikat fir-regolament li l-attur kellu jottjeni prior authorisation sabiex jiehu t-trattament li ha.

M'hemmx dubju li skond l-Artikolu 22 (1a) tar-Regolament 1408/71 li tirregola il-EHIC din tista' tintuza biss f'kazijiet ta' emergenza meta l-pazzjent ikun temporanjamaent f'Stat membru iehor kif tajjeb issolleva l-konvenut. Issa mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-attur kien qieghed l-Olanda b'mod temporanju u dan ghaliex kien qed jipprova jirkupra minn operazzjoni serja li ghamel gewwa Franza meta gie rinfaccjat bi problema ohra akuta konsistenti f'*popliteal aneurysm* u li skond il-professor tieghu kienet serja hafna u li l-attur ma kellux jivvjagga jekk mhux assolutament ghal bzonn vitali. In oltre qal kif rapportat fid-Dok JLD 14 li 'he should avoid stressful situations'. Issa zgur li hija sitwazzjoni stressanti ghal ragel ta' 71 sena, marid serjament u b'sieq wahda li jivvjaggja. In oltre jirrizulta wkoll li kieku l-attur ma ghamilx l-operazzjoni kien hemm il-possibilta' li jkollu jamputa is-sieq l-ohra. Zgur ghalhekk li c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 22 (1a) ghall-uzu tal-EHIC (European Health Insurance Cards) kienu prezenti.

Mhux minnu dak li ssoleva l-konvenut fin-nota tieghu li l-attur ma talabx ghal prior authorisation ghaliex din tirrizulta mill-ittra datata 27 ta' Dicembru 2009 minkejja li tali prior authoristaion ma tidhirx li hija rikjesta sine qua non. In oltre l-konvenut fin-nota tieghu jghid li l-attur ivvjagga lejn l-Olanda ghal ragunijiet medici. Minkejja li huwa minnu li l-attur ittiehed lejn l-Olanda sabiex ikollu kura ahjar dwar dak li kien ghadda minnha, zgur li ma marx hemm ghall-

intervent li sar gewwa l-Olanda ghaliex din il-problema inqalghet wara u cioe' meta kien qed jigi invistat mill-infirmiera li kienet qed tikkurah minhabba l-problema antecidenti li kellu u l-htiega li jaghmel it-tieni operazzjoni fl-Olanda qamet wara.

Il-konvenut donnu qed jinsisti u jghid li l-artikolu applikabbli ghal kaz huwa l-Artikolu 22 tal-istess regolament 1408/71 KEE taht section two intitolat 'Workers and Members of their families' fejn hemmhekk f'dawk ic-cirkostanzi l-ligi titkellem to prior authorisation. Pero' taht is-Article 33 li tirrigwarda pensjonanti taht is-section 5 intitolata 'Pensioners and members of their families' ma hemmx bzonn tali prior authorisation.

Illi konsegwentment din il-Qorti tara li t-talba tal-attur hija inkwadrata ai termini tal-Artikolu 31 tar-regolament 1407/71 li titkellem b'mod specifiku ghall-pensjonanti u konsegwentement it-talba tal-attur ghandha tintlaqa'.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzoni ta' l-ewwel eccezzjoni u tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern Ghall-Ministeru tas-Sahha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tieghu stante li l-mertu gie sorvolat permezz tad-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju 2014 u tilqa' it-talba tal-attur u konsegwentement tordna lill-konvenuti ihallsu in solidum lill-attur dik is-somma mitluba minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta' hdax-il elf u disgha u sebghin ewro u hamsa u hamsin ewro centezmu (€11,079.55).**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjajru tat -8 ta' Marzu 2012 a karigu tal-konvenuti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**